# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 7 ta' Ottubru 2015

## Rikors Numru: 207/2014 CSH

## GasanMamo Insurance Limited (C3143)

## vs

## Pierre Carabott u Gilmore Cachia

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar id-19 ta' Gunju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef, disa' mija u erbgha u erbghin ewro u erbgha u hamsin ewro centezmi (€3,944.54) rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' lodo ta' arbitragg datat 20 ta' Awissu 2013 fl-ismijiet "*Citadel Insurance plc as subrogated by law and by insurance policy in the rights of its insured Kenneth Cachia and Kenneth Cachia in his own name –vs- Gilmore Cachia; GasanMamo Insurance Limited*" per Dr Richard Galea Debono [Arb. Nru. M2710/2011]; liema arbitragg kien jikkoncerna incident awtomobilistiku illi sehh fit-22 ta' Marzu, 2009 fi Triq tal-Barrani, limiti ta' Hal Tarxien, meta Gilmore Cachia kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBG 217 proprjeta' ta' Pierre Carabott u li fir-rigward ta' liema vettura s-socjeta' rikorrenti kienet harget il-polza assikurattiva bin-numru

12038 0269841. Inoltre, t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza assikurattiva ma gewx osservati da parti taghhom stante illi:

a) fid-data tal-incident Gilmore Cachia kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, mentri l-polza assikurattiva msemmija kienet tkopri biss lil sid il-vettura u lil sewwieqa ohra awtorizzati mis-sid li jkunu ghalqu l-hamsa u ghoxrin (25) sena; u
b) fil-hin ta' l-incident Gilmore Cachia kien qed isuq il-vettura msemmija taht l-influwenza tax-xorb jew sustanzi ohra intossikattivi; u
c) fil-mument tal-incident Pierre Carabott konxjentement jew b'negligenza ppermetta illi l-vettura proprjeta' tieghu tinstaq minn persuna ta' taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena; u

Interpellati biex ihallsu permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Jannar 2014 huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwati dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju apprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sal-gurnata ta' pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat Pierre Carabott li giet ipprezentata fl-4 ta' Novembru 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"Illi l-allegazzjonijiet imressqa mis-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana hekk kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-intimat Pierre Carabott fl-ebda hin ma awtorizza jew ippermetta lil Gilmore Cachia sabiex isuq tali vettura hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna u ghalhekk huwa ma ghandux jinsab responsabbli ghall-hlas tal-ammont reklamat mis-socjeta' attrici;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li gietipprezentata fil-15 ta' Jannar 2015 li permezz taghha esebiet affidavit ta' Max Borg Bonello.

Rat l-affidavit ta' **Maximilian sive Max Borg Bonello** fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Deputy Manager fil-Motor Claims Department mas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited, li kienu l-assikuraturi tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBG-217 tal-ghamla Maruti 800 irregistrata f'isem il-konvenut Pierre Carabott, li huwa wkoll il-policy holder tal-polza tal-assikurazzjoni bin-numru 12038 0269841 (annessa u mmarkata bhala Dok. MBB1) mahruga fir-rigward tal-istess vettura.

Huwa spjega li l-polza tal-assikurazzjoni in kwistjoni kienet tat-tip *third party fire and theft* u kienet tkopri biss lil sid il-vettura u lil sewwieqa ohra awtorizzati mis-sid li jkunu ghalqu l-hamsa u ghoxrin (25) sena u dana kif jirrizulta mic-certifikat tal-assikurazzjoni anness u mmarkat bhala Dok. MBB1.

Huwa kompla jghid illi l-vettura in kwistjoni kienet involuta f'incident awtomobilistiku fit-22 ta' Marzu 2009, fi Triq il-Barrani, Hal Tarxien, meta l-intimat Gilmore Cachia, dak iz-zmien ta' 23 sena, kien qed isuq l-imsemmija vettura, proprjeta' tal-intimat Pierre Carabott, waqt li kien taht l-effett tal-alkohol, fejn kienet involuta wkoll il-vettura FEB 678 proprjeta' u misjuqa minn vertu Kenneth Cachia, assikurat mas-socjeta' Citadel Insurance plc – u dana skond ma jirrizulta mill-okkorrenza tal-Pulizija (annessa u mmarkata Dok. MBB2) li rcevew mis-socjeta' assikuratrici Citadel Insurance plc fit-30 ta' Marzu 2009. Irrizulta wkoll mill-istess okkorrenza li kienu ser jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Gilmore Cachia.

Huwa stqarr illi fis-7 ta' Mejju 2009 huma cemplu lill-assikurat taghhom Pierre Carabott li nfurmahom li kien jaf bl-incident u li kien sellef il-vettura tieghu lil ohtu li tigi ommu, meta l-intimat Gilmore Cachia kien ha l-vettura bil-permess taghha, izda ma kienux jafu li l-polza ma kinitx tkopri sewwieqa li ma jkunux ghalqu l-hamsa u ghoxrin (25) sena. Ghalhekk huma nfurmawh li ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni u talbuh sabiex imur l-ufficcju taghhom.

Ix-xhud spjega li fil-polza hemm il-klawsola li tirrendi l-polza nulla u ineffettiva f'kaz illi x-xufier tal-vettura jkun qed isuq taht l-effett tal-alkohol hekk kif jirrizulta mill-parti ntestata bhala "General Exceptions", Numru 1, Punt 4 fuq pagna 15 ta' Dok. MBB3.

Fit-8 ta' Mejju 2009, spjega li l-assikurat taghhom Pierre Carabott flimkien mal-intimat Gilmore Cachia kienu marru l-ufficcju taghhom u cioe' l-Head Office fi Triq l-Imsida, l-Gzira u kienu rregistraw claim maghhom dwar l-incident tat-22 ta' Marzu tal-istess sena. Huwa ddikjara li l-intimati ma accettaw ebda parti mir-responsabbilta fl-incident, izda kienu ftehmu li jippruvaw jaslu fi ftehim ma' Citadel Insurance ta' nofs bin-nofs. Il-claim form in kwistjoni hija annessa u mmarkata bhala Dok MBB4.

Ix-xhud spjega li fit-13 ta' Mejju 2010 kienu rcevew ittra ufficjali minn Citadel Insurance plc permezz ta' liema nterpellawhom biex jipprocedu ghal hlas tad-danni sofferti u spejjez inkorsi minnhom in konnessjoni mal-incident in kwistjoni. Wara li huma tkellmu mal-assikurat taghhom Pierre Carabott ipproponow li jithallsu biss nofs dawn id-danni u spejjez, izda din il-proposta ma kinitx accettata da parti ta' Citadel Insurance plc u Kenneth Cachia.

Fis-6 ta' April, 2011 huma rcevew *notice of arbitration* u *claim* pprezentata mis-socjeta' Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Kenneth Cachia u l-istess Kenneth Cachia, fi hdan ic-Centru Malti

tal-Arbitragg fejn talbu li jithallsu s-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,925.63) rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi minnhom in konnessjoni mal-incident in kwistjoni. Huwa spjega li dawn il-proceduri nfethu fil-konfront ta' Gilmore Cachia u tas-socjeta' attrici. Sussegwentement is-socjeta' attrici pprezentat risposta fl-atti tal-arbitragg.

Fil-15 ta' Settembru 2011 s-socjeta' attrici pprezentat ittra ufficjali fejn infurmaw lill-konvenuti Pierre Carabott u Gilmore Cachia illi jekk ikun hemm decizjoni li tiddikjara lil Gilmore Cachia bhala responsabbli *in toto* jew *in parte* ghal kwalsiasi danni rizultanti mill-incident awtomobilistiku in kwistjoni u kemm-il darba s-socjeta' attrici jkollha thallas xi danni f'isem Gilmore Cachia, hija ser tipprocedi gudizzjarment sabiex tirkupra dawn l-ammonti minnhom ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ix-xhud iddikjara li fil-proceduri tal-arbitragg Gilmore Cachia kien baqa' kontumaci ghax qatt ma kien ipprezenta risposta fl-arbitragg li nfetah kontra tieghu u ma deherx ghas-seduti.

Fl-20 ta' Awissu 2013 is-socjeta' GasanMamo Insurance u Gilmore Cachia gew ikkundannati in solidum ihallsu lill-atturi fl-arbitragg is-somma ta' €2,925.63, piu l-imghax u l-ispejjez. In segwitu s-socjeta' attrici hallset is-somma ta' tlett elef sitt mija tnejn u tletin ewro u tlettax-il centezmuet is-somma ta' tlett elef sitt mija tnejn u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€3,632.13) ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dana skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. MBB6.

Fit-3 ta' Jannar 2014, is-socjeta' attrici baghtet ittra bonarja lil Pierre Carabott u lil Gilmore Cachia fejn talbithom jirrimborsaw l-ammont ta' tlett elef sitt mija erbgha u disghin ewro u erbghin centezmu (€3,694.40)

rapprezentanti danni u spejjez gudizzjarji illi kienu hallsu, liema somma ghadha ma thallsitx mill-intimati sa llum.

Ix-xhud spjega li l-ammont mitlub fit-talba tas-socjeta' attrici huwa maqsum bhala *sorte* qed jitolbu l-ammont ta' elfejn disa' mija hamsa u ghoxrin ewro u tlieta u sittin centezmu (€2,925.63), bhala spejjez legali (Citadel) fl-ammont ta' seba' mija u sitt ewro u hamsin centezmu (€706.50), drittijiet lil GVTH Advocates in konnessjoni mal-arbitragg numru M2710/2011 fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€250.14) u spejjez gudizzjarji fl-ammont ta' tnejn u sittin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€62.27).

**Max Borg Bonello** xehed in kontro-ezami fit-23 ta' April, 2015 fejn gie mistoqsi jekk ix-xhud kienx gie avvicinat wara li nfethet il-kawza fuq il-mertu odjern tenna li iva filfatt kienu marru jkellmuh. Pierre Carabott, Gilmore Carabott u oht Pierre Carabott u filfatt kienu talbuh jekk kienx hemm possibilita' li l-kaz jigi settiljat u filfatt kienu waslu fi proposta illi Gilmore kellu jibda jhallashom pero' cio' nonostante ma ghamel l-ebda pagamenti fil-mori ta' dawn il-proceduri u filfatt kien talabhom sabiex jaghtuh ftit cans sabiex ikollu l-ewwel paga pero' cio nonostante ma rcevew l-ebda pagament. Sussegwentement huma cemplulu, staqsewh meta kien se johdilhom l-ewwel pagament u qalilhom li kien rega' bdielu u kien se jikkontesta l-kaz. Effettivament huma fit-telefonata kienu tkellmu ma' Pierre Carabott. Filfatt kien qalilhom li ma kienx hassa gusta li effettivament huma kienu hargu mandat fuqu. Meta lix-xhud staqsewh ghaliex waqt il-laqgha li kellhom Gilmore Cachia kien assuma r-responsabbilta' li jhallas hu wiegeb illi ma jafx.

**Gilmore Cachia** xehed fit-23 ta' April, 2015 fejn qal illi fil-jum tal-incident kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JBG217. Ix-xhud stqarr li kien sejjer miz-Zejtun ghal Bugibba u kien involut f'incident tat-traffiku. Jekk ma kienx sejjer zball il-vettura kienet registrata

fuq isem ommu u dakinhar jiftakar li ommu kienet rieqda u kien qabad u ha l-karozza taghha u ghalhekk saqha bla permess taghha. Ix-xhud stqarr li effettivament lest li jhallas l-ammont mitlub lilu pero' lilu hadd ma cempillu. Filfatt huwa minnu li kien mar ikellimhom. Huwa lest li jhallas hamsa u sebghin ewro (€75) fix-xahar pero' xejn iktar.

Ix-xhud tenna li kien mar ghand GasanMamo meta tawh appuntament pero' lilu hadd ma kellmu. Dak iz-zmien tal-incident ma kellux licenzja tas-sewqan, illum-il gurnata pero' ghandu. Dak iz-zmien kien jarma fuq il-monti ma' missieru u ghalhekk kien riekeb mieghu. Huwa stqarr illi qabel ma kellu l-licenzja ma kienx saqha din il-karozza hlief f'din l-okkazjoni.

Ix-xhud qal li l-licenzja gabha tlieta jew erbat ijiem wara l-incident in kwistjoni u jiftakar li meta kien mar ghand GasanMamo qalulu li biex jirranga din il-kawza x-xhud kellu jhallas il-pagamenti lil Pierre Carabott pero' huwa m'accettax ghaliex ir-relazzjoni tieghu kienet ma' GasanMamo mhux ma' Pierre Carabott. Ix-xhud stqarr li filfatt il-vettura hija ta' Pierre Carabott u meta staqsewh jekk hux minnu li waqt li kienu fl-ufficcju tal-*insurance* qalulhom li ma setghax ikun is-sewwieq taht l-eta' *twenty five years* biex isuq din il-vettura x-xhud wiegeb illi ma kienx jaf dwar dan, u kompla billi qal illi lil Gasan kien kellimha hu dan l-ahhar. Meta kien ircieva xi dokumentazzjoni fuq kawza li kellu fuq din il-kwistjoni quddiem Qorti ohra x-xhud ma kien kellem lil hadd dwarhom. Ix-xhud qal li fil-kawza tal-arbitragg huwa ma rciviex karti. Ma bediex jircivihom hu ghaliex effettivament ix-xhud kien qed jghix Bugibba u l-karti kienu jmorru H'Attard.

Filfatt ix-xhud tenna li maz-ziju tieghu ghandhom problemi familjari u ma jitkellmux. Pero' jiftakar li meta kien cempillu u talbu biex imur ghand GasanMamo kien mar. Iz-ziju tieghu huwa l-konvenut Pierre Carabott. Ix-xhud ikkonferma li l-incident sehh tort tieghu u lest li jaghmel tajjeb ghal

dawn il-hsarat. Filfatt ikkonferma li kien ircieva ittra minghand GasanMamo fejn ukoll kien qalilhom li kien lest li jaghmel tajjeb ghal dan l-incident. Ix-xhud stqarr li z-ziju tieghu qatt ma tah permess biex isuq din il-karozza.

**Therese Cachia** xehdet fit-23 ta' April 2015 u qalet li tigi omm Gilmore Cachia u tiftakar illi dakinhar li sehh dan l-incident, it-tifel taghha Gilmore Cachia kien dahal id-dar, ha c-cavetta tal-vettura JBG217 tal-ghamla Maruti u kien habat biha. Ix-xhud qalet illi dak iz-zmien binha Gilmore kien jghix maghha d-dar. Il-karozza pero' in kwistjoni JBG217 hija proprjeta' ta' huha Pierre Carabott. Ix-xhud stqarret illi permess lil binha biex isuq din il-vettura qatt ma taghtu u filfatt wara dik il-gurnata ma regghax saq din il-vettura. Qabel din il-gurnata tal-incident it-tifel taghha qatt ma kien saq din il-vettura. Ix-xhud qalet li meta huha sellifha din il-karozza u qalilha li ma setghax isuqha bniedem taht hamsa u ghoxrin (25) sena u filfatt kienet issuqha hi li ghandha aktar minn hamsa u ghoxrin sena. Ix-xhud dwar din il-kundizzjoni ma kellhiex interess peress li kellha iktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena. Ma tafx li hemm xi ftehim bejn huha Pierre Carabott u binha Gilmore Cachia dwar hlas relatati ma' dan l-incident.

Ix-xhud kompliet tghid li wara li kienu rcivew il-karti ghall-Qorti ghal din il-kawza Pierre huha kien qalilha li Gasan kienu zammewlu l-flus tieghu permezz ta' mandat u ghalhekk kienu marru ghand Gasan biex ikellmuhom li binha kien lest li jaghmel tajjeb ghal dan l-incident peress li kien tort tieghu. Hija qalet ukoll illi Pierre ma kellux x'jaqsam f'dan l-incident u li kien tort tat-tifel taghha. Ix-xhud tenniet li qatt ma kellhom xi ftehim illi t-tifel taghha kellu jhallas liz-ziju tieghu. Ix-xhud stqarret li meta kienu ghand Gasan, rapprezentant ta' Gasan issuggerixxa li Gilmore jhallas lil Pierre pero' huma dak il-hin qalulu zgur li le. Ix-xhud qalet li ma setghetx taghti lil Pierre dawk il-flus kollha li ntalbet minn Gasan u lanqas thoss li ghandha tidhol f'responsabbilta' ghat-tifel ghax it-tifel taghha mhux *under age*.

**Pierre Carabott** xehed fit-23 ta' April 2015 fejn qal illi ohtu kienet ghaddejja minn kaz ta' separazzjoni minn ma' zewgha. Hija ghandha erbat itfal u filfatt iz-zewgt itfal minuri ghadhom maghha waqt li z-zewgt itfal kbar Gilmore u huh baqghu ma' missierhom. Missier ix-xhud biex ghenhom kien taha *flat* Bugibba biex toqghod ghaliex zewgha kien tefaghha 'l barra u x-xhud kien silifha din il-karozza Maruti JBG217 u dan sabiex twassal lil uliedha l-iskola Pembroke meta kienet toqghod Bugibba peress li waqt iz-zwieg taghha kienet tghix Pembroke. Ix-xhud stqarr li ha hsieb illi hija tkun koperta *fully comprehensive* fuq din il-karozza u nxurjaha ghalhekk minn hamsa u ghoxrin (25) sena 'il fuq u tajhielha biex tinqeda.

Ix-xhud stqarr illi in segwitu r-ragel taghha tefa' z-zewg subien il-kbar 'il barra u huma marru joqghodu ma' ommhom u ghalihom lanqas kienu jafu li l-vettura in kwistjoni filfatt kienet tieghu u sussegwentement sar jaf illi Gilmore, it-tifel taghha kien ha l-karozza tieghu u kien habat biha. Filfatt mar bit-*towing* u *panel beater* u kien cempillu f'nofsillejl u talbu biex jaghmillu *towing* u mar ghal triq tal-Barrani Hal-Tarxien biex jittowja din il-karozza.

Ix-xhud qal li l-ewwel ra jekk effettivament kienx f'posizzjoni ta' sahha tajba u mbaghad canfru u staqsieh kif saqha hu peress li ma kienx kopert biha. Ix-xhud qal li filfatt minkejja li l-vettura kienet inxurjata *fully comprehensive* ma hallsux u ohtu taghtu xi haga tal-flus u sa llum qatghatha ghax hallsitu. Il-karozza in kwistjoni kienet *total loss* u kellhom jarmuha. Cioe' ohtu hallsitu tal-karozza u cioe' l-valur taghha. Ix-xhud stqarr filfatt li kien mar ikellimhom lil ta' Gasan, u qalilhom li effettivament kien ghamel azzjoni tajba m'ohtu.

Ix-xhud stqarr ukoll li qatt ma kien taha permess lil binha biex isuqha u qal illi in segwitu GasanMamo ghamlulu mandat, qabdulu l-flus mill-bank u peress li ma kellux bizzejjed flus il-bank il-kontijiet li beda jaghtihom tax-xoghol tal-karozzi li beda jsewwi ma bdewx ihallsuh taghhom u meta mar

ikellimhom dwar dan fejn qalulu ghax kien effettivament kellu jaghtihom. Ix-xhud qal illi filfatt ix-xhud ghamel ghoxrin sena jbiegh l-*insurance* ta' GasanMamo u qatt ma kellu problema ta' xejn maghhom. Filfatt ippretenda illi ma jaghmlulux hekk ghaliex huma kienu kollegi jahdmu flimkien. Sussegwentement kienu marru jitkellmu mas-Sur Max Borg Bonello, GasanMamo. It-tifel t'ohtu accetta li jhallas pagament zghir fix-xahar u filfatt dak il-hin Max qal "mela ha nzommu l-flus ahna u filfatt Gilmore jibda jhallas lilek" u x-xhud m'accettax. Saritlu referenza ghad-dokument MMB4 ezebit fl-atti. Ix-xhud gie muri l-*motor accident report* ezebit fl-atti a fol 54 mmarkat bhala Dokument MBB4. Fil-fol 4 ta' dan id-dokument hija l-firma tieghu. Ix-xhud tenna li sa llum minghalih li l-vettura kienet *comprehensive*. Pero' zgur li kienx jaf li bniedem taht *twenty five years* ma setghax isuqha. Ix-xhud kompla billi qal li ma hassx li ghandu jkun hu li jhallas lil Gasan ghax filfatt m'ghandu jaghtihom xejn lil ta' Gasan. Il-flus li hadulu GasanMamo huma flus tieghu, flus tal-impjegati u flus tax-xoghol li suppost thallas bihom.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2015 fejn fl-istess seduta il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici ipprezentat kawza fejn qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsuha s-somma ta' €3,944.54 rapprezentanti din is-somma danni sofferti minnha in segwitu ta' lodo ta' arbitragg datat 20 ta' Awwissu 2013 fl-ismijiet "*Citadel Insurance plc as subrogated by law and by insurance policy in the rights of its insured Kenneth Cachia and Kenneth Cachia in his own name -vs- Gilmore Cachia; GasanMamo Insurance Limited*" liema lodo kien jikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh Triq tal-Barrani limiti ta' Tarxien nhar it-22 ta'

Marzu 2009. Illi l-konvenut Pierre Carabott ecepixxa li huwa m'ghandu jaghti xejn u dan ghaliex huwa qatt ma awtorizza jew ippermetta lil Gilmore Cachia jsuq il-vettura li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku u ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez involuti f'dan l-incident.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta s-segwenti li bhala fatti m'humiex kontestati.

l. Illi nhar it-22 ta' MArzu 2009 l-konvenut Gilmore Cachia kien involut f'incident awtomobilistiku fi Triq tal-Barrani, Hal Tarxien meta kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti numru ta' registrazzjoni JBG 217 proprjeta' tal-konvenut Pierre Carabott.
2. Illi in segwitu s-socjeta' Citadel Insurance kif surrogata fid-drittijiet ta' Kenneth Cachia (il-persuna li habat fiha Gilmore Cachia) kienet fethet kaz quddiem ic-Centru tal-Arbitragg kontra s-socjeta' attrici odjerna u kontra l-konvenut Gilmore Cachia sabiex tithallas tal-ispejjez li hija sofriet bhala rizultat ta' dan l-istess incident.
3. Illi dan il-kaz kien gie deciz mic-Centru tal-Arbitragg per Dr Richard Galea Debono u s-socjeta' attrici odjerna flimkien mal-konvenut Gilmore Cachia in solidum gew ikkundannati ihallsuha s-somma ta' € 2,925.63 piu' l-imghax u l-ispejjez (vide Dok MBB5 a fol. 59).
4. Illi s-socjeta' attrici fil-fatt halset din is-somma oltre l-ispejjez u l-imghax u daret fuq l-konvenut Gilmore Cachia sabiex jaghmel tajjeb ghal dan l-incident stante li l-incident in kwistjoni sehh tort uniku tieghu u stante li ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta' li kien hemm fuq il-vettura, is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni.
5. Illi fuq il-vettura in kwistjoni kien hemm polza ta' sigurta' mahruga fuq il-persuna ta' Pierre Carabott u din kienet polza ta' third party fire and theft pero' kwalsiasi persuna li kellha licenzja tas-sewqan u aktar minn

hamsa u ghoxrin sena setghet issuq din il-vettura ghaliex kienet tkun koperta bil-polza.

5. Illi jirizulta pero' li l-konvenut Gilmore Cachia kien qabad u ha l-vettura Maruti propjeta' tal-konvenut Pierre Carabott waqt li ommu Theresa Cachia kienet rieqda d-dar u habat biha kif jirrizulta minn ezami tal-okkorenza esebit fl-atti (Dok MBB 2 a fol. 36).
6. Illi mill-atti processwali jirrizulta u dan minn qari tal-lodo esebit u mhux kontestat li Gilmore Cachia kien xurban meta kien qed isuq il-vettura, li ma kellux licenzja valida ghas-sewqan u li kellu biss tlieta u ghoxrin sena meta habat.
7. Illi ghalhekk il-polza li l-konvenut Pierre Carabott kien hareg fuq il-vettura ma kinitx tkopri lill-konvenut Gilmore Cachia.

Illi mill-provi ma jidhirx li s-socjeta' attrici resqet xi prova kuntrarja ghal dak imfisser aktar 'il fuq. Theresa Cachia tikkonferma li ghalkemm il-vettura mertu tal-kawza kienet giet mislufa lilha minn huha Pierre Carabott hija qatt ma tat permess lil binha Gilmore Cachia sabiex isuqha u sa fejn taf hi lanqas huha ma kien jaf li binha kien ser issuq il-vettura. Tghid li hija kienet tuza din il-vettura li gentilment kien silifha huha sabiex twassal it-tfal minuri taghha l-iskola u qatt ma tat permess lil Gilmore sabiex jaghmel uzu minnha.

Illi l-ammont li gie likwidat bil-*lodo* fuq imsemmi u sussegwentment l-ammont li zdiet bl-ispejjez u bl-interessi ukoll ma gewx kontestati mill-konvenuti. Fil-fatt il-konvenut Gilmore Cachia ghogbu wkoll jibqa' kontumaci u ma jipprezenta l-ebda risposta ghat-talba attrici minkejja li gie notifikat bil-kawza u minkejja li kien jaf dwarha, ma ghamel xejn sabiex jikkontesta it-talba taghha. Fil-fatt meta xehed qal li l-incident sehh tort tieghu u li kien lest ihallas l-ammont mitlub una volta jinghata il-fakolta' li jhallas f'rati mensili li ma jeccedux is-somma ta' hamsa u sebghin ewro (€75).

**Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pierre Carabott, qed tiddikjara li verament m'ghandux tort ghal dan l-incident awtomobilistiku li sehh u qieghda tilqa' it-talba attrici fl-intier taghha izda fil-konfront tal-konvenut Gilmore Cachia biss u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut Gilmore Cachia jhallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotor u cioe' l-ammont ta' tliet elef, disa' mija u erbgha u erbghin ewro u erbgha u hamsin ewro centezmi (€3,944.54) ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rikors promotor.**

**Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut Gilmore Cachia u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-jum tal-prezentata ta' dan ir-rikors promotor.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**